# PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

13 ta' Awwissu, 2023


Flok il-messaġġ tas-soltu f'din il-ħarġa tal-bullettin, se nagħtukom rendikont finanzjarju tal-parroċċa għall-ewwel sitt xhur ta' din is-sena. *L-Arċipriet Jimmy Xerri*

**PARROĊĊA SAN PIETRU U SAN PAWL: DĦUL U ĦRUĠ JANNAR-ĠUNJU 2023**

| | DĦUL | ĦRUĠ |
|---|---|---|
| Ġbir fil-knisja (ferta) | 24,242.98 | |
| Niċeċ | 4,642.47 | |
| Donazzjonijiet | 40,374.77 | |
| Dħul minn wirt | | |
| Fund Raising/Reklamar | 1,485.00 | |
| Church & Lay Dues | 2,307.00 | |
| Donazzjonijiet Pedestall San Pietru u San Pawl | 23,191.75 | |
| Bejgħ ta' oqbra | 62,500.00 | |
| Festa San Pietru u San Pawl / San Koronatu | 8,592.97 | |
| Karità Parrokkjali | 4,119.84 | |
| Liturġija u Evanġelizzazzjoni | | 7,235.17 |
| Dawl/ilma/telefon/TV | | 5,470.87 |
| Manutenzjoni u Restawr | | 29,705.53 |
| Stationery/Printing | | 273.29 |
| Remunerazzjonijiet | | 28,579.17 |
| Bullettin u materjal stampat | | 8,992.88 |
| Taxxi (proviżorja/oqbra) | | 4,706.00 |
| Festa Kwaranturi u Ġimgħa Kbira | | 2,459.25 |
| Festa San Pietru u San Pawl (din iċ-ċifra hija biss dak li tħallas sa Ġunju) | | 917.35 |
| Ħruġ ieħor | | 7,584.43 |
| Karità - Ġbir Missjoni, Obolo eċċ. | | 14,573.90 |
| Kurja | | 4,045.50 |
| **TOTAL** | **€171,456.78** | **€114,543.34** |
| **BILANĊ** | | **€56,913.44** |

**L-AVVIŻI:**

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 16 t'Awwissu, fil-Knisja Bażilika. Se titmexxa mill-Kan. Dun Reuben Micallef u fiha Patri George Oscar Buttigieg OFM Konv. ser ikellimna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Tibda fis-6:15pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive.*

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tixtieq tavża li se jkun hemm lejla bil-mużika u ikel fil-bitħa tal-Mużew Marittimu nhar il-Ġimgħa 18 t'Awwissu. Kellmu lil Tonina Sammut fuq 21553041. L-attività tibda fis-7:30pm.

## ROKNA EKOLOĠIKA

**BIEDJA U L-BANK DINJI**

F'April li għadda l-Cafod ħarġet rapport fuq l-agrikoltura, fejn qalet li l-Bank Dinji iktar jippromovi u jgħin l-agroindustrija milli lill-bidwi ż-żgħir. Pereżempju l-Bank Dinji jgħin aktar lill-industrija agrikola fejn jintużaw fertilizzanti u pestiċidi maħdumin mill-istess kumpaniji li jipprovu ż-żrieragħ. Dan jirriżulta f'jasar tal-bidwi ż-żgħir għax dan tal-aħħar ikun imġiegħel juża żrieragħ hybrid u fertilizzanti ta' kumpanija. Għalhekk huwa importanti li l-bdiewa ż-żgħar jiġu megħjuna biex ikomplu jużaw żrieragħ lokali, tal-post.

**POLLUTION FIŻ-ŻAMBJA**

Dan il-pajjiż Afrikan għandu problema kbira ta' kontaminazzjoni tal-art biċ-ċomb. Iż-Żambja ilu ħafna snin jiftaħ minjieri għaċ-ċomb u r-ramm. Illum eluf ta' familji għandhom raba' agrikolu mimli biċ-ċomb. Ir-riżultat aħħari huwa ikel kontaminat, arja mniġġsa u kuntatt ta' velenu mal-ġilda tal-bniedem. It-tfal li jiġu f'kuntatt mal-velenu jkollhom irritazzjoni fil-ġilda, jonqoshom l-aptit, sogħla persistenti u l-ġisem ma jiżviluppax b'mod normali.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am